MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2012

Numru. 1030/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Paul Bond**

**vs**

**Sandra (Alexandra) Debono**

Il-Qorti;

Rat li l-imputata Sandra Alexandra Debono mart Joseph u bint Edmond Mifsud u Emanuela nee' Portelli, mwielda Attard fit-02 ta' Awwissu 1969 u residenti 155, Flat 1, G' Mangia Hill, Pieta' u detentrici tal-karta tal-identita' numru 332669(M) giet mressqa quddiemha akkuzata talli :

Nhar il-25 ta' Marzu 2007 ghall-habta ta' bejn it-3.00 pm., u t-3.30 pm., waqt li kienet qeghda ssuq karozza li ggib numru JDB-070 t' ghamla Toyota ta' kulur iswed, matul Triq Burmarrad, Burmarrad, b' nuqqas ta' hsieb, bi

traskuragni, jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni taghha jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ghamlet ‘U’ Turn bl-imsemmija karozza, bil-konsegwenza li habtet ma mutur li jgib numru JOS-898 t’ ghamla Kawasaki li kien qed jigi misjuq minn Adrian Godfrey Julian Borg, u bl-istess habta kkagunat il-mewt tal-istess Adrian Godfrey Julian Borg.

F’kaz ta’ kundanna, din l-Onorabbli Qorti hi mitluba sabiex tiskwalifika lill-imsemmija Alexandra Debono, mill-licenzji tas-Sewqan kollha taghha ghal perjodu ta’ mhux inqas minn sena.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz in-nota tal-Avukat Generali datata 19 ta’ Frar 2010 (esebita a fol. 89 tal-process) fejn huwa dehrlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) fl-artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) fl-artikolu 15(1)(a),(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) fir-regolament 2 ta’ l-Avviz Legali 94 tas-sena 1969 kif sussegwentement emmendat.

Rat li fis-seduta tat-2 Marzu 2010 l-imputata wiegbet li ma kelliex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-kaz in dizamina jirrigwarda ncident stradali li sehh fil-25 ta’ Marzu 2007 ghall-habta tal-15.45hrs fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Bahar. F’dan l-incident kienu nvoluti mutur bin-numru tar-registrazzjoni JOS 898 tal-ghamla Kawasaki mudell ZX9R li kien misiuq minn Adrian Geoffrey Jullian Borg u vettura tal-ghamla Toyota bin-

numru tar-registrazzjoni JDB 070 misjuqa mil-imputata Alexandra Debono fejn din kellha bhala front seat passenger lil zewgha Dr. Joseph Debono. Mill-provi rrizulta li f'dan l-incident miet fuq il-post is-sewwieq tal-mutur u cioe' Adrian Geoffrey Julian Borg u l-imputata ttiehdet l-Isptar fejn giet certifikata li kienet sofriet griehi ta' natura hafifa. Mill-provi rrizulta wkoll li immedjatament qabel l-incident il-vettura u l-mutur kienu t-tnejn qed jinstaqu fl-istess direzzjoni, u cioe' gejjin mill-Mosta u sejrin lejn Burmarrad. Mill-provi rrizulta wkoll li dakinhar tal-incident it-triq kienet xotta, it-temp kien car u l-vizibilita' kienet tajba. Irrizulta wkoll li l-incident sehh ftit metri l-isfel mill-ewwel liewja li hemm fil-bidu ta' Triq Burmarrad, liema triq tinsab fil-periferija ta' San Pawl il-Bahar u hija wiesgha 12.04 metri. Mir-rapport tal-espert tekniku il-perit Richard Aquilina u mir-rapport u l-iskizz minnu imhejjija[1] jirrizulta li l-incident sehh fil-parti d-dritta tat-triq li tinsab bejn liwja fuq kull naha u f'din il-parti tat-triq hemm karreggjata wahda biss fid-direzzjoni lejn Burmarrad u zewg karreggjati fid-direzzjoni tal-Mosta. Mir-rapport tal-espert tat-traffiku Mario Buttigieg[2] jirrizulta wkoll li fejn sehh, l-incident m'huwiex imdawwar bil-bini u ghalhekk hija unbuilt up area fejn il-velocita' m'ghandhiex teccedi 80 kilometru fis-siegha. Mir-rapport tal-espert tat-traffiku Mario Buttigieg irrizulta wkoll li il-hsara fil-vettura tal-imputata kienet is-segwenti :-

i. Floor panel;
ii. Rear floor panel tar;
iii. Rear panel;
iv. Rear bumper;
v. Right sill panel cover;
vi. Spare wheel holder bold;
vii. Rear bumper spoiler;
viii. Curtain air bag right side;
ix. Right rear bumper support;
x. Rear silencer unit;
xi. Head shield;
xii. Air bag ECU;

[1] Rapport u skizz inseriti a fol. 10 et sequitur tal-Process Verbal inserit a fol. 17 tal-atti processwali.
[2] Rapport inserit a fol. 23 tal-Process Verbal.

xiii. Roof upholstery;
xiv. Right right wing;
xv. Right still panel;
xvi. Right rear door;
xvii. Right chassis leg rear;
xviii. Right side fittings;

Irrizulta wkoll li l-mutur kellu is-segwenti hsara :-

I. Front forks;
II. Handle bar;
III. Both shock absorbers;
IV. Feering;
V. Indicato
VI. Indicator lights *(induced damage)*

Jirrizulta ghalhekk li l-hsara principali fil-vettura misjuqa mill-imputata kienet fuq wara lejn il-lemin.

Mill-iskizz imhejji mill-Perit Richard Aquilina u mir-ritratti mehuda mis-Scene of the Crime Officer[3] jirrizulta li l-gisem bla hajja ta' Adrian Geoffrey Julian Borg kien mitluq mal-art f'nofs tat-triq zewg metri l-boghod mill-mutur li kien qed isuq. Jirrizulta wkoll li l-vettura misjuqa mill-imputata daret ghal fuq il-kareggjata l-ohra bid-daqqa, u cioe' dik ghal vetturi sejrin fid-direzzjoni tal-Mosta u spiccat thares lejn San Pawl tat-Targa. Anki il-mutur spicca fuq din il-kareggjata. Fit-triq ma kienx hemm brejk marks izda jirrizulta li kien hemm skid marks f'nofs tat-triq u cioe' fuq il-carriageway markings. Fir-rapport li prezenta quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali l-espert tat-traffiku Mario Buttigieg iddikjara li ma setghax jikkalkula il-velocita' ezatta li biha kien ghaddej il-mutur immedjatament qabel l-impatt izda huwa seta' jikkonkludi li l-velocita' kienet qawwija peress li l-post impact kien jindika li bil-habta il-vettura imxiet diversi metri u li dan kien ifisser li Borg ma kienx f'posizzjoni li jikkontrolla il-mutur li kien qed isuq bil-konsegwenza li l-ewwel skiddja u mbaghad huwa baqa' diehel fuq wara tal-vettura misjuqa mill-imputata li kienet quddiemu. L-impatt tant kien qawwi

[3] Rapport relattiv inserit a fol. 60 tal-Process Verbal.

li l-mutur baqa' diehel taht il-vettura fejn il-floor board fejn hemm sensors li bihom nizlu is-side curtains tal-vettura u bl-istess daqqa qawwija il-vettura daret ghan-naha l-ohra tat-triq. L-espert tekniku jghid li l-vettura ta' Debono kellha r-roti imdawrin. Meta kien qed jixhed waqt l-udjenza tal-12 ta' Novembru 2010 l-espert Mario Buttigieg spjega li wara li hejja r-rapport prezentat fl-Inkjesta Magisterjali huwa kien gie fil-pusses ta' apparat li issa kien jippermettielu jistabbilixxi bi precizjoni il-velocita' li biha kien ghaddej il-mutur misjuq minn Adrian Geoffrey Julian Borg u l-Qorti ghalhekk estendiet l-inkarigu tal-imsemmi espert sabiex jikkalkola l-velocita' li kien ghaddej biha l-mutur misjuq mill-allegat vittma, jekk hemm bzonn jaccedi fuq il-post u jindika jekk possibiliment una volta li jiehu in konsiderazzjoni l-velocita' li kien ghaddej biha l-mutur jekk setax jinduna bil-manuvra li kienet ser taghmel l-imputata Alexandra Debono u wara li jkun ha in konsiderazzjoni l-velocita' prezenti li kien ghaddej biha l-mutur jghamel rikostruzzjoni tad-dinamika ta' l-incident. Fir-rapport addizzjonali[4] Mario Buttigieg ikkonkluda is-segwenti :-

"*Illi gie stabbilit illi l-incident sehh fuq in-naha tax-xellug tat-triq meta wiehed ihares lejn San Pawl il-Bahar. Illi wara li l-esponent ezamina l-pjanta li giet maghmula mill-Perit Richard Aquilina irrizulta li wara li sehhet il-habta l-mutur baqa miexi l-isfel wiehed u ghoxrin punt hamsa (21.5m) waqt li l-vettura imxiet sitta punt (6.5) metri. Illi minn kalkoli li ghamel l-esponent irrizulta li Borg kien ghaddej b'velocita dak ta' hamsa u sittin (65mfs). Illi qabel ma sehhet il-habta Alexandra Debono kienet ser tibda taghmel il-manuvra tal-U turn fit-triq meta ghal xi raguni Adrian Julian Borg inhassad u hu ma setghax jikkontrolla u cioe' jwaqqaf il-mutur fil-hin li kien qed isuq b'konsegwenza li l-ewwel hu skiddja bil-mutur u baqa' diehel gol-vettura li kienet quddiemu.*

*Illi meta l-esponent rega mar fuq il-post tal-akkadut incident innotta li Borg seta' jara lill Debono minn madwar disghajn (90m) metru boghod. Intant hawn l-esponent ma jistghax jifhem kif Borg inhassad bil-manuvra li ghamlet*

[4] Inserit a fol. 110 tal-atti processwali.

*Debono ghax hu setgha jara minghajr tfixkil specjalment meta Borg kien qed issuq fin-nofs tal-karregjata.*

*Illi minn aktar kalkoli li ghamel l-esponent irrizulta li l-habta kien hemm energija ta' tmien t'elef disa mija erba u sebghajn (8,974.08 Newtons). Waqt li l-incident kollu kull ma ha kien ta' zereo punt tmienja tlieta (0.83) ta' sekonda. Illi gie stabbilit li Borg qabel ma habat fil-vettura tilef il-kontroll tal-istess mutur b'konsegwenza li hu baqa ghaddej taht il-mutur sakemm bil-handle bar il-mutur baqa diehel fil-vettura fejn Adrian Julian Borg waqaf mal-habta."*

Ikkunsidrat :

Illi l-imputata a tempo vergine tat id-deposizzjoni taghha quddiem l-espert tat-traffiku Mario Buttigieg izda peress li hija ma nghatatx il-fakulta' li tikkonsulta ma avukat qabel ma giet mitluba taghti din id-deposizzjoni u in linea ma zviluppi kostituzzjonali recenti l-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ta' dak li qalet l-imputata f'din id-deposizzjoni. L-imputata ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

F'dawn il-proceduri xehed Dr. Joseph Debono[5], ir-ragel tal-imputata fejn huwa spjega li kien front seat passenger fil-vettura misjuqa mill-imputata u li huma kienu wasslu lil uliedhom il-Mosta ghaliex kellhom xi rehearsals u hu u l-mara kienu sejrin San Pawl l-Bahar bhal ma jaghmlu kull nhar ta' Hadd sabiex jiehdu kafe'. Huwa jghid li malli wasslu fit-triq ta' Burmarrad kien hemm hafna traffiku u huma kienu mexjin bil-moghod fil-flow tat-traffiku li kien qed jimxi u jieqaf kontinwament. Huwa jghid li fid-direzzjoni li kienu sejrin huma karreggjata wahda biss kien hemm u huma kienu fuq in-naha ta' barra tal-karreggjata bhal ma kienu il-vetturi ta' quddiemhom probabilment ghaliex kien hemm xi ostakolu aktar il-quddiem meta hassew daqqa kbira fuq wara tal-vettura taghhom u bid-daqqa l-vettura taghhom giet alzata u mitfugha fuq il-karreggjata tal-vetturi sejrin lejn il-Mosta. Dr. Debono jghid li l-hsara fil-vettura taghhom kienet fuq wara lejn il-lemin. Huwa eskluda li f'xi hin huma bidlu il-karreggjata jew id-

[5] Traskrizzjoni tax-xhieda relattiva nserita a.fol. 137 sa 141.

direzzjoni. Huwa spejga wkoll li huwa nizel mill-vettura mal-ewwel jaghti l-assistenza lis-sewwieq tal-mutur li kien mal-art.

Ikkunsidrat :

Illi f'dawn il-proceduri l-Prosekuzzjoni produciet xhud okulari iehor tal-incident, certu Noel Cefai, li pero' xehed l-ewwel darba quddiem din il-Qorti ghaliex huwa ma xehedx fl-Inkjesta Magisterjali peress li f'dak l-istadju tal-proceduri qatt ma identifika ruhu mal-Pulizija bhala persuna li kien xhud okulari tal-incident. Noel Cefai xehed waqt l-dujenza tas-17 ta' Lulju 2009 fejn spjega li dakinhar tal-incident huwa kien qed isuq coach bin-numru tar-registrazzjoni ACY 873 gej mir-Rabat u sejjer fid-direzzjoni ta' Burmarrad. Huwa jghid li meta wasal fil-kisra ta' Burmarrad ra hafna traffic u huwa resaq mal-gemb sabiex il-mutur li kien hemm warajh ikun jista' jghaddi. Huwa jispjega li malli l-mutur qabzu s-sewwieq waqaf hdejh u gholla idejh sabiex isellimlu u mbaghad rega' saq u malli wasal sat-tielet vettura li kien hemm quddem il-coach, din il-vettura ghamlet U-Turn u saqet il' fuq lejn id-direzzjoni tal-Mosta u s-sewweiq tal-mutur li kien vicin hafna ta' din il-vettura prova jzomm il-brejk, ghodos min-naha ta' quddiem izda peress li kien vicin hafna tal-vettura zelaq. Il-mutur hareg minn tahtu u habat fil-vettura u baqa' sejjer gol-bankina u l-mutur habat mar-rota ta' wara tal-lemin tal-vettura. Cefai qal li ma rax sinjali mill-vettura li ghamlet il-U-Turn li kienu jindikaw li l-vettura kienet ser tbiddel id-direzzjoni. Huwa qal li l-mutur ma kienx ghaddej isuq b'velocita'. Huwa sostna wkoll li waqaf u nizel mill-coach meta sehh l-incident u ra ragel li kien jidher tal-affari tieghu jaghti l-ghajnuna lis-sewwieq tal-mutur u huwa ghenu ifaqqa c-cinga tal-helmet. Noel Cefai izda qal li sussegwentement telaq minn fuq il-post u ma identifikax ruhu mal-Pulizija sabiex jghidilhom dak li kien ra isehh. Noel Cefai isostni li xi ftit taz-zmien wara ra poster f'bar ic-Cirkewwa fejn kienet qed tintalab informazzjoni minn min seta' ra l-incident u huwa ghalhekk cempel fuq in-numru tat-telephone li kien hemm fuq il-poster u tkellem ma Tony Borg li huwa missier is-sewweq tal-mutur.

Ikkunsidrat:

Illi f'dawn il-proceduri l-Avukat Generali ndika li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub fl-Artikolu 225 u fl-Artikoli 15(1)(a) u (2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Prosekuzzjoni u l-parti civili jirritjenu li l-imputata Alexandara Debono ghandha tinstab hatja ta' omicidju nvolontarju ghaliex hija ghamlet manuvra nkonsulta ta' U-Turn b'liema manuvra hija hasdet lil Adrian Geoffrey Julian Borg li kien qed isuq warajha bil-mutur u huwa baqa' diehel fil-vettura taghha u mbaghad l-mutur baqa' diehel taht il-vettura u s-sewwieq tar mal-art. Jidher li l-Prosekuzzjoni qed tibbaza din t-tezi taghha principalment fuq ix-xhieda ta' Noel Cefai li qal li ra lill-imputata taghmel manuvra ta' U-Turn f'daqqa u ddur lejn id-direzzjoni tal-Mosta. Il-Qorti wara li fliet bir-reqqa kollha dovuta l-atti processwali b'mod partikolari ir-rapport tal-esperti minnha nominati jidrilha li l-provi kollha cirkostanzjali f'dan il-kaz lkoll jikkontradicu dak li xehed Noel Cefai u minn imkien iehor mill-provi ma jirrizulta li l-imputata effettivament bidlet id-direzzjoni jew ghamlet manuvra ta U-Turn. Joseph Debono li kien passiggier fil-vettura tal-imputata jispjega li huma dejjem kienu u baqghu sejrin fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar u fl-ebda hin ma ghamlu xi manuvra sabiex ibidlu d-direzzjoni. Mir-rapport tal-espert tat-traffiku Mario Buttigieg jirrizulta li r-roti tal-vettura tal-imputata instabu leggerment imdawrin izda mix-xhieda ta' Joseph Debono jirrizulta li l-imputata kienet segwit dak li kienu qed jaghmlu il-vetturi immedjatament quddiemha u cioe' li harget aktar 'il barra fil-karreggjata li kienet qed issuq fiha u fil-fehma tal-Qorti dan jispjega il-ghala ir-roti tal-vettura tal-imputata kienu leggerment imdawrin. Il-Qorti setghat inoltre tinnota li ghalkemm Noel Cefai jindika li s-sewwieq tal-mutur ghafas il-brake l-iskizz imhejji mill-Perit Richard Aquilina u r-ritratti mehuda mis-Scene of the Crime Officers jindikaw li ma kien hemm ebda brake marks fuq il-post tal-incident. Inoltre mir-rapporti tal-esperti teknici u tat-traffiku mahtura f'dawn il-proceduri jirrizulta li l-hsara fil-vettura tal-imputata kienet fuq wara lejn il-lemin mentri Noel Cefai jindika li l-impatt bejn il-mutur u l-vettura sar fuq ir-rota ta' wara tal-lemin tal-vettura. Il-Qorti jidrilha li

kieku effettivament l-imputata ghamlet manuvra ta' U-Turn u bdiet iddur lejn il-Mosta kif jallega Cefai il-hsara fil-vettura taghha kienet tkun man-naha tal-lemin lejn il-kantuniera u mhux fuq wara lejn il-lemin kif jirrizulta mill-provi li kienet. Ix-xhud Noel Cefai inoltre jindika li s-sewwieq tal-mutur ma kienx ghaddej b'velocita' mentri l-espert tat-traffiku jindika li l-mutur kien qed jinstaq b'velocita' ta' 65 mil fis-siegha. Il-Qorti jidrilha li l-posizzjoni u t-tul tal-iskid marks li halla l-mutur li kienu fuq il-carriageway markings ta' nofs it-triq jindikaw li s-sewwieq tal-mutur skiddja tmintax il-metru qabel ma habat fil-vettura misjuqa mill-imputata. Fil-fehma tal-Qorti l-provi cirkostanzjali f'dan il-kaz jikkontradixxu dak li xehed Noel Cefai u jindikaw li l-incident awtomobilistiku de quo sehh unikament tort tas-sewwieq tal-mutur Adrian Geoffrey Julian Borg ghaliex dan kien qed isuq il-mutur b'velocita' eccessiva u kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass meta tali manuvra ma kinitx permessa ghaliex kien hemm kareggjata wahda biss ghal vetturi sejrin fid-direzzjoni ta' San Pawl il-Bahar u huwa ghal xi raguni li setghat kienet il-velocita' eccessiva tilef il-kontroll tal-mutur tieghu u skiddja u baqa' diehel fuq wara tal-vettura misjuqa mill-imputata. Il-Qorti jidrilha ghalhekk li l-Prosekuzzjoni bl-ebda mod ma rnexxilha tipprova li kien hemm xi traskuragni, negligenza jew xi ksur tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghha u konsegwentement tilliberaha mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------